MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 61/2014

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Rachel White Barclay (ID 34703A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u hamsin ewro u disgha u disghin centezmu (€356.99c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40158407 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-anness dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – Kopja tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellat diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-20 ta' Jannar, 2015 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija u sitta u hamsin ewro u disgha u disghin centezmu (€356.99c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------